Għal dawn il-motivi l-appell hu miċħud u s-sentenza appellata kkonfermata bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellant.

---

**5 ta' Ottubru, 1998**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino B.A. (Hons.), LL.D. - President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Joseph D. Camilleri LL.D.**

Karl Gialanze

*versus*

Anthony Brown

**Danni - Inċident Awtomobilistiku**

*Il-Qorti ta' l-Appell ikkonfermat is-sentenza ta' l-Ewwel Qorti fuq ir-responsabbilità u l-ispejjeż iżda rrimettiet l-atti lura lill-Ewwel Qorti biex tiġi deċiża l-likwidazzjoni u kwantifikazzjoni tad-danni.*

Il-Qorti:-

Fid-19 ta' Jannar, 1996 il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ppronunzjat is-segwenti sentenza f'kawża li fiha ġiet mitluba tiddeċiedi dwar responsabbilità għall-inċident stradali li seħħ f'San Ġiljan fl-4 ta' Diċembru, 1993;

"Din il-kawża hija dwar inċident tat-traffiku pjuttost serju, almenu mil-lat tad-danni materjali, liema inċident ġara fl-4 ta' Diċembru, 1993, bejn il-vettura Honda J-3278 misjuqa mill-attur u Mazda B-237 misjuqa mill-konvenut;

L-inċident ġara ġo Triq il-Kbira, San Ġiljan, kważi quddiem il-*waterpolo pitch* tan-Neptunes, fejn hemm ukoll *zebra crossing* u *bus stop*. Huwa posibbli li l-isem tat-triq illum, huwa Triq Ġorġ Borg Olivier. Marġinalment involut f'dan l-inċident, kien hemm ukoll ċertu Anthony Cremona li kien qed isuq xarabank numru Y-0631;

Fid-dikjarazzjoni ġuramentata tiegħu, l-attur jgħid illi l-inċident ġara meta l-konvenut ittanta jaqbeż ix-xarabank u biex għamel hekk qasam fuq il-karreġġata tiegħu u ostakolah. Il-vettura tal-konvenut kienet sejra b'veloċità kbira u huwa, ċjoè l-attur ma kellux la l-ħin u lanqas l-ispazju biex jevitah;

Il-karozza tiegħu ġiet reża *total loss*, kaġun ta' l-inċident. Huwa sofra ukoll danni f'forma ta' *loss of use*;

Fin-nota ta' eċċezzjonijiet u dikjarazzjoni ġuramentata tiegħu, il-konvenut jinnega li kien hu li kien responsabbli għall-inċident;

Kien l-attur invece skond il-konvenut li kien għaddej bi *speed* qawwi u fuq in-naħa ħażina tat-triq;

Huwa ta min jgħid illi l-konvenut miet fil-mori tal-kawża u dana qabel ma xehed. B'digriet ta' din il-Qorti tal-11 ta' Mejju, 1995, l-atti għalhekk ġew trasfużi f'isem missieru Anthony Brown, wara talba li l-istess Anthony Brown kien għamel biex ikompli l-kawża flok ibnu;

Il-versjoni għalhekk ta' l-inċident tal-konvenut, trid tiġi kostruwita minn dak li qal lill-pulizija u lil missieru;

Jingħad minn issa, illi bħal f'ħafna każijiet oħra ta' inċidenti stradali, din il-versjoni hija kważi totalment konfliġġenti mal-versjoni mogħtija mill-attur ta' l-inċident;

L-attur xehed dwar l-inċident fis-seduta ta' l-10 ta' Mejju, 1994. Hu jiddeskrivi l-inċident b'dan il-mod:

"Jiena kont qiegħed f'Saddles, ċjoè ġo Spinola u tlaqt minn hemm u bdejt sejjer lejn id-direzzjoni ta' Balluta. Jiena kont qed insuq il-karozza Honda N-4378. Waqt li jiena kont sejjer lejn in-naħa ta' tas-Sliema u wasalt proprju ħdejn iż-*zebra crossing* li hemm quddiem il-Balluta Hotel, il-Balluta, rajt *bus* miexja u f'daqqa Toyota qed tgħaddiha;

Nirrepeti li t-Toyota rajtha qed taqbeż il-*bus*, liema *charabanc* kien għadu miexi u ma kienx għadu wasal għal *bus stop*;

Jiena wara l-inċident kelli *concussion* u allura huwa veru li meta ġie s-surġent l-iptar jiena għidtlu ma niftakar xejn;

Però, meta kellimtu l-Għassa, jiena għidtlu bejn wieħed u ieħor dak li qiegħed ngħid dalgħodu lill-Qorti";

Kuntrarjament, però għal dak li qal l-attur, P.S. 542 Alex Grech, li xehed fl-istess seduta, hekk jgħid:

"Jiena lill-attur kellimtu f'żewġ okkażjonijiet. L-ewwel kellimtu l-isptar u mbagħad wara bgħatt għalih l-Għassa;

Fiż-żewġ okkażjonijiet huwa qalli li hu ma jiftakar xejn dwar l-inċident" (sottolinear huwa tal-Qorti);

Imbagħad is-Surġent jiddeskrivi dak li qalulu ż-żewġ sewwieqa l-oħra, ċjoè l-konvenut u dak tax-xarabank, ta' kif ġara l-inċident;

Huwa jgħid li kienet ix-xita u li wara l-inċident kien hemm ħafna żejt ma' l-art. Jgħid ukoll li kien hemm xi debris, però prinċipalment fin-naħa tal-karozza tal-konvenut;

L-unika xhud indipendenti li tressaq mill-partijiet - jew li almenu huwa indipendenti għall-fini ta' din il-kawża - kien is-sewwieq tax-xarabank Anthony Cremona. Mario Grixti, *Enforcement Officer* ma' l-Awtorità tat-Trasport Pubbliku, li nzerta kien fix-xarabank ma tressaqx mill-partijiet minkejja li x-xhieda tiegħu setgħet tkun determinanti għas-soluzzjoni ta' din il-vertenza;

Cremona xehed fis-seduta tat-8 ta' Lulju, 1994, u ddeskriva l-inċident b'dan il-mod;

"Jiena fil-ġurnata ta' l-inċident kont qed insuq il-*bus* Y-0631, sejjer lejn id-direzzjoni ta' Spinola;

L-inċident ġara quddiem in-Neptunes fejn hemm iż-*zebra crossing*. Jiena fil-ħin ta' l-inċident kont għadni miexi, però kont ser nieqaf fejn l-i*stage*;

Jiena niftakar li dak is-sinjur li kien qiegħed isuq il-Mazda qabiżni f'dak il-ħin, u wara li qabiżni kien daħal f'postu" (Għal darb'oħra s-sottolinear huwa tal-Qorti);

U dwar il-ħabta u l-posizzjoni ta' l-attur iżid jgħid:

"Ngħid li tal-Honda kien naqra l-barra;

Kien 'il barra minn mal-bankina. Jiena rajthom jaħbtu, ngħid li ħabtu eżattament quddiemi;

Jiena kont fuq is-*side* tiegħi, kont inkaxxat, ma kellix fejn immur. Huma ħabtu quddiem il-*bus* u mhux is-*side* tal-*bus*;

Jiena ngħid li l-Mazda kien daħal f'postu meta mal-ħabta l-Mazda baqgħet fejn intlaqtet. Tal-Honda baqa' sejjer, imbagħad kompla għal xi ftit piedi u ġie mdawwar iħares lejn nofs it-*truck*";

Hu jikkonferma l-iskizz li ġie muri lilu ħlief li jgħid li kien hemm karozza pparkjata fuq in-naħa tal-bankina tiegħu li mhix indikata fl-iskizz;

Jgħid ukoll illi bid-daqqa li qala' l-Mazda daħal fuqu;

Fis-seduta tat-13 ta' Ottubru, 1995, xehed Anthony Brown, li f'ismu kienu ġew trasfużi l-atti tal-kawża;

Jirrakkonta kif it-tifel tiegħu kien iddeskriva l-inċident f'aktar minn okkażjoni waħda anke meta kien l-isptar immedjatament wara l-inċident;

It-tifel dejjem qallu li kien diġà qabeż il-*bus* u ra *a white flush in front of him*;

Jgħid li mar fuq il-post ta' l-inċident u li jekk il-karozzi ma

ċċaqalqux kienu t-tnejn fuq is-*side* tagħhom;

Huwa però waqaf "biswit" il-karozza tat-tifel tiegħu u nduna li anke minn din il-posizzjoni setgħu jgħaddu l-karozzi min-naħa l-oħra b'mod faċli;

L-abbli difensur ta' l-attur jgħid illi l-konvenut huwa responsabbli għall-inċident. Huwa qabeż ix-xarabank, ma kienx fuq is-*side* tiegħu, u mar biss f'postu *in the agony of the collision*. L-attur invece dejjem żamm is-*side* tiegħu;

Bir-rispett kollu lejn din il-versjoni ta' kif seta' ġara l-inċident, il-Qorti tħoss li l-provi mressqa ma jindikawx din it-teorija;

Ix-xhieda ta' Anthony Cremona turi bl-aktar mod ċar li ma' l-inċident il-konvenut kien ġà ssorpassah u daħal f'postu. Din il-versjoni hija ukoll aktar verosimili ma' kif spiċċaw il-karozzi war l-ħabta u ma' debris li nstab taħt il-Mazda;

Dawn il-fatturi jindikaw *speed* se mai da parti ta' l-attur u mhux tal-konvenut;

Inoltre, il-karozza tal-konvenut ftit setgħet iċċaqalqet ma' l-impatt u dana għax kienet inkaxxata bejn il-vettura l-oħra u x-xarabank. Li kieku ġiet imċaqalqa, dan seta' biss kien għal nofs tat-triq u għalhekk iktar lejn il-karreġġata ta' l-attur fejn kienet qabel l-inċident, u dan minħabba ta' fejn hu indikat li ġraw il-ħsarat fuq il-vetturi rispettivi;

Dawn il-fatturi jwasslu lill-Qorti biex tiddeċidi li kien l-attur u mhux il-konvenut li kien prinċipalment responsabbli għall-inċident in kwistjoni u li kien hu li aktar mill-konvenut

kien qed isuq aktar lejn in-nofs tat-triq milli fuq in-naħa tiegħu;

Minkejja dan però, il-konvenut għandu jieħu parti żgħira mit-tort. Huwa veru li t-triq hija wiesgħa. Il-karozza tiegħu però hija ndikata ftit aktar 'il barra mix-xarabank fuq l-*istage*, liema xarabank diġà ma kinitx totalment mal-bankina minħabba l-karozza pparkjata. Jirriżulta għalhekk li għalkemm il-konvenut kien aktar fuq in-naħa tat-triq tiegħu mill-attur, huwa ukoll kien qed isuq xi ftit lejn in-nofs tat-triq u li kieku hu kien kompletament fuq in-naħa tiegħu, hemm possibbilità żgħira li l-inċident ma kienx iseħħ. Għalhekk huwa imputabbli lilu għaxra fil-mija (10%) tar-responsabbilità ta' l-inċident in kwistjoni;

Il-Qorti għalhekk tilqa' biss l-ewwel talba ta' l-attur limitatament għal għaxra fil-mija (10%) tar-responsabbilità;

Dwar it-tieni u t-tielet talba, ma nġabu ebda provi, però l-Qorti tħoss li għandha tikkunsidra n-natura preżenti ta' din l-azzjoni u li għalkemm ma ġiex hekk iddikjarat mill-partijiet, deher li kien hemm l-intiża li l-kawża tiġi deċiża fuq il-kwistjoni tar-responsabbilità fl-ewwel stadju. Għalhekk il-Qorti, filwaqt li tirriserva kull azzjoni li tista' tispetta lill-attur dwar it-talbiet, tastjeni f'dan l-istadju li tieħu konjizzjoni tagħhom;

L-ispejjeż ta' din il-kawża għandhom jitħallsu bl-istess proporzjon tar-responsabbilità u ċjoè disgħin fil-mija (90%) mill-attur u għaxra fil-mija (10%) mill-konvenut";

Appella minn din is-sentenza l-attur. Hu jħoss ruħu aggravat in kwantu ġie akkollat 90% tar-responsabbilità ta' l-inċident, filwaqt li l-10% l-oħra biss ġew akkollati lill-konvenut. Hu jsostni li r-raġunament tal-Qorti kien għal kollox żbaljat għax kien ibbażat fuq apprezzament ħażin tad-dinamika ta' l-inċident u li l-Qorti sanzjonat u bierket sewqan bi

żgiċċaturi da parti tal-konvenut, flok irrendietu ħati tas-sewqan diżordinat tiegħu;

Jissottometti li hu ġie rinfaċċjat b'*sudden emergency ikkreata mill-konvenut.* "*Hu istintiv għal min isib ruħu fil*-posizzjoni li sab ruħu fiha l-attur li saħansitra jaqla' 'l barra, u mhux realistiku li tgħid wieħed kellux jikser 'l hawn jew jikser 'l hinn. Il-fatt li min jabbuża jirnexxilu fl-*agony of the collision* isib postu, ma jneħħilux il-ħtija għall-inċident li jissuċċedi darba li jkun hu li ħoloq is-sitwazzjoni ta' emerġenza;

Sottomissjoni valida fil-liġi però li fil-fehma ta' din il-Qorti ma ssibx riskontru mill-fatti kif ippruvati fil-kawża taħt eżami. L-attur bl-ebda mod ma rnexxielu jipprova sodisfaċentement illi l-kawża prossima u mmedjata ta' l-inċident kienet il-fatt illi l-konvenut ikkrea xi emerġenza *subitanea meta ttanta jagħmel u fil-fatt għamel manuvra naturali* ta' sorpass waqt li l-*bus* quddiemu kienet qed issib postha, fil-*bay*, f'parti tat-triq li kienet pjuttost wiesgħa u li kienet tippermetti lill-vetturi li jgħaddu biswit xulxin. Dana apparti l-prova, kif sewwa qalet l-Ewwel Qorti, illi jidher li l-konvenut kien laħaq temm il-manuvra tiegħu ta' sorpass u ġie quddiem il-*bus. Tant hu hekk li x-xufier tal-bus ikkonferma li l-inċident* ġara quddiemu u mhux mal-ġenb tiegħu. Il-provi, kif jirriżultaw mill-iskizz, mix-xhieda tas-surġent, mix-xhieda tal-konvenut u mix-xhieda tas-sewwieq tax-xarabank, jippreżentaw sitwazzjoni fejn il-konvenut kellu jiġi preżunt illi kien laħaq temm il-manuvra tiegħu u kien allura jispetta lill-attur li bil-provi *konvinċenti jissodisfa lill-Qorti li l-konvenut spiċċa quddiem il-bus* bħala konsegwenza ta' azzjoni evażiva *in the agony of the collision* u mhux għax hekk kien laħaq għamel meta temm il-manuvra ta' sorpass. Din il-prova ma tirriżultax. Jekk xejn tirriżulta l-prova kuntrarja mhux biss mix-xhieda imma ukoll mid-daqqiet li rċeviet il-karozza tal-konvenut u mill-posizzjoni kif *spiċċat wara l-ħabta;*

Din il-Qorti hi sodisfatta li l-kawża prossima u mmedjata ta' l-inċident kienet il-veloċità eċċessiva li biha kien qiegħed isuq il-vettura tiegħu l-attur f'lokalità fejn il-massimu hu dak ta' 25 mil fis-siegħa u fejn it-topografija tat-triq kienet tikkonsilja riduzzjoni anke minn dan il-massimu. Biżżejjed jingħad li t-triq hi mhux biss ta' wisa' irregolari u tgħaddi minn kurva għal oħra, b'mod li allura anke l-viżwali hija xi ftit ridotta, imma ukoll li l-attur kien qiegħed riesaq lejn *zebra crossing* mill-aktar frekwentata li kienet timponilu l-obbligu li jirrallenta l-veloċità eċċessiva tiegħu. Veloċità li tirriżulta mhux biss mill-entità tad-daqqa li sofriet il-karozza tal-konvenut, u li ġiet iddikjarata mill-assikurazzjoni bħala *write off* imma ukoll mill-posizzjoni kif spiċċat il-karozza ta' l-attur maħbuta mal-bankina fuq ix-xellug tiegħu kważi iħares lura fid-direzzjoni minn fejn kienet ġejja. Il-Qorti m'għandha l-ebda dubbju illi li kieku l-attur kien qed isuq bi *speed* raġonevoli għal-lokalità u għaċ-ċirkostanzi, u li kieku kien f'kontroll sħiħ tal-vettura tiegħu, hu kien seta' faċilment jevita l-impatt billi jżomm sewwa fuq is-*side* tiegħu. F'sitwazzjoni ta' din ix-xorta mhux il-każ li l-Qorti tagħmel eżami millimetriku biex tistabbilixxi min miż-żewġ vetturi kien b'xi mod qabeż il-linja medjana immaġinarja tat-triq, anke kkunsidrat il-fatt li l-*bus* li kienet qiegħda tipparkeġġa fuq in-naħa tal-bini naturalment irriduċiet notevolment il-karreġġata. Dan apparti l-fatt li anke kieku wieħed kellu jagħmel dak l-eżerċizzju wieħed kien jasal għall-konklużjoni li l-konvenut fl-agħar ipotesi kien qed isuq viċin il-*crown of the road*, kif ukoll neċessarjament kien qed isuq l-attur. Jekk xejn id-dubbju kien aktar imur favur il-konvenut. Dan qed jingħad ukoll għaliex din il-Qorti mhux taqbel mar-ripartizzjoni tar-responsabbiltà li waslet għaliha l-Ewwel Qorti. Dan forsi kien il-każ fejn responsabbiltà sħiħa ta' l-inċident kellha tiġi akkollata lill-attur, fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet espressi mill-istess Qorti u minn din il-Qorti;

Però, una volta ma jirriżultax appell da parti tal-konvenut

li fir-risposta tiegħu ddikjara li kien ippreparat li jaċċetta l-konklużjoni ta' l-Ewwel Qorti, mhux il-każ li din il-Qorti tippronunzja ruħha fuq dan l-aspett tal-vertenza;

L-appellat jilmenta ukoll li l-Ewwel Qorti ma kienx messha rriservat id-dritt lill-attur għall-azzjoni oħra talvolta lilu spettanti dwar likwidazzjoni u kundanna tal-konvenut għall-ħlas tad-danni, imma kien messha hi stess iddifferiet il-kawża għall-konsiderazzjoni tat-tieni u tat-tielet talbiet. Din il-parti ta' l-ilment hi ġustitifikata. Infatti, jirriżulta mill-verbal tat-13 ta' Ottubru, 1995, illi wara li ġew ittrattati l-punti legali u fatturi tal-kawża, il-kontendenti qablu li din ser tibqa' għas-sentenza fuq il-punt ta' responsabbilità. Infatti, l-Ewwel Qorti hekk iddeċidiet. Dak il-verbal bl-ebda mod ma jfisser illi l-kontendenti kienu rrinunzjaw li jkollhom deċiżjoni fuq it-tieni u t-tielet talbiet ta' l-attur, u ċjoè, fuq il-likwidazzjoni tad-danni sofferti minnu u għall-kundanna eventwali tal-ħlas ta' dawn id-danni;

Il-Qorti hi obbligata li tisma' t-trattazzjoni, tikkunsidra u tiddeċiedi t-talbiet kollha li l-attur jagħmel fl-att taċ-ċitazzjoni. Jispetta allura lill-Ewwel Qorti li tinvestiga ukoll it-tieni u t-tielet talba naturalment wara li tkun semgħet kull prova meħtieġa biex tiddelibera dwar dak il-meritu. L-atti ser jiġu għalhekk rimessi lilha għal dan il-fini;

Għal dawn il-motivi u ukoll għall-motivi kkunsidrati mill-Ewwel Qorti, l-appell fir-rigward tar-responsabbilità qed jiġi rriġettat u s-sentenza appellata f'dan ir-rigward qed tiġi kkonfermata. Kif qed tiġi kkonfermata ukoll is-sentenza fir-rigward ta' l-ispejjeż quddiem il-Prim'Istanza. Is-sentenza appellata qed tiġi però riformata in kwantu ma ddeċiditx it-tieni u t-tielet talba attriċi u astjeniet milli tieħu konjizzjoni tagħhom filwaqt li rriservat kull azzjoni li tispetta lill-attur dwar dawn it-

talbiet. Talbiet li għandhom jiġu deċiżi mill-Ewwel Qorti f'din l-azzjoni. Konsegwentement, l-atti tal-kawża qed jiġu lilha rimessi għal dan il-fini;

L-ispejjeż ta' dan l-appell għandhom jiġu ssopportati kwantu għal kwart (1/4) mill-konvenut appellat u kwantu għal tlett kwarti (3/4) mill-attur appellant.